DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-24 ta' Settembru 2014

li taħtar imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2014/680/UE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il imħallef u erba' avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2015. Hu meħtieġ li jsiru ħatriet ġodda għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021.

(2) Is-Sur Koen LENAERTS u s-Sinjura Rosario SILVA DE LAPUERTA ġew proposti bil-ħsieb li jiġu mġedda l-funzjonijiet tagħhom ta' mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Koen LENAERTS u tas-Sinjura Rosario SILVA DE LAPUERTA għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għandhom jinħatru mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021:

— Is-Sur Koen LENAERTS

— Is-Sinjura Rosario SILVA DE LAPUERTA

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2014.

Il-President

S. SANNINO